MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 49/2007

**L-Awditur Generali f'ismu proprju u f'isem l-Ufficju Nazzjonali tal-Verifika**

**vs**

**Kenneth Mercieca**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fit-22 ta' Frar 2007 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tlett elef, tmien mija u disa' liri Maltin (Lm3809) liema somma hija dovuta minnu lill-istess rikorrenti rapprezentanti rimbors ta' spejjez ghal sponsorjar, tahrig u xort'ohra ta' edukazzjoni u/jew taghlim ai termini tal-kuntratt ta' xoghol minnu sottoskritt (Dok A).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.
Rat ir-risposta ta' l-intimat Kenneth Mercieca fejn espona:

1. Illi l-*"undertaking"* li kien ghamel l-intimat kien skond ir-regoli maghrufa bhala *"Rules Governing the Award of Scholarships'* li jikkontemplaw il-kaz fejn l-impjegat jsegwi kors ta' student *"full time"* u wara li jikkompleta l-kors, jirritorna fil-post tax-xoghol u jahdem ghal zmien hames snin;

2. Illi l-ftehim attwali kien differenti minn dak mahsub fil-*"undertaking"* ghax l-intimat baqa' jahdem *"full time"* mal-*National Audit Office*, u kien qieghed isegwi l-kors wara l-hin tax-xoghol tieghu. Hadem *"full time"* ghal izjed minn erba' snin u nofs.

3. Illi l-iskop predominanti tal-*"undertaking"* kien illi jaghti hames snin xoghol lill-*National Audit Office*, u l-intimat adempixxa dina l-obbligazzjoni fil-maggior parti, waqt l-istudji tieghu;

4. Illi l-pretensjoni attrici hija forma ta' penali u ghandhom jigu applikati t-termini tal-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili;

5. Illi fl-ahharnett, l-intimat huwa kreditur cert likwidu u dovut fis-somma ta' Lm515 bhala *performance bond bonus* ghas-sena 2006, liema somma giet mizmuma mill-istess *National Audit Office.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi f'Jannar 2002 l-intimat kien talab lid-Direttur tan-*National Audit Office* sabiex jisponsorjah ghall-*course* ta' l-*accountancy* li jwassal ghad-degree ACCA, liema *course* kellu jibda f'Jannar 2002 u jispicca f'Gunju 2006. Id-Direttur accetta t-talba ta' l-intimat u gie iffirmat ftehim fis-27 ta' Mejju 2002. Fid-dokument maghruf bhala *Form of Undertaking* (fol 2) l-intimat

intrabat li *"I will continue to serve the National Audit Office for a period of five years from the date of my return."*

L-intimat beda l-*course* pero' segwih *'part time'* u baqa' jahdem ma' l-ufficcju ta' l-Awditur. Jidher illi l-*course* ghamlu, u b'ittra datata Awissu 2006 (fol 17) baghat jinforma lid-Direttur li kien se jirrezenja mix-xoghol b'effett mis-6 t'Ottubru 2006. Ir-rikorrent gibed ghall-attenzjoni ta' l-intimat il-klawsola fil-*form of undertaking* fejn kellu jaghti servizz ta' hames snin wara li huwa jiggradwa liema servizz l-intimat ma kienx sejjer jaghti. Minn naha l-ohra l-intimat jargumenta illi la l-*course* ghamlu *'part-time'* u baqa' jahdem u jircievi l-paga xorta wahda, allura f'dak il-kaz dawk is-snin li baqa' jahdem ma' l-Ufficju ta' l-Awditur kellhom jitnaqqsu mill-hames snin li jsemmi fil-*form of undertaking*, pero' l-partijiet ma ftiehmux. L-Awditur Generali kkalkola l-penali li flimkien maghhom zied ammont ta' *notice period* li l-intimat ma hadimx, kif ukoll saret tpacija bil-kunsens tal-intimat, ta' Lm515 *performance bonus*. Giet diskussa l-modalita' tal-hlas izda l-intimat offra ammont verament redikolu li ma setghax jigi accettat mill-Awditur Generali u ghalhekk saret din il-kawza. L-intimat ipprezenta affidavit a fol 26 li piu' o meno jikkorrobora bhala fatti dak illi xehed Anthony Aquilina ghan-nom tar-rikorrent.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-kuntratti iridu jigu esegwiti *in buona fede*. Dan ifisser illi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet kellu jigi esegwit miz-zewg partijiet skond it-termini ta' l-istess ftehim u skond l-istess hsieb li l-partijiet kellhom dakinhar illi dahlu fih. F'dan il-kaz l-intimat kien talab il-permess sabiex ikompli bl-istudji tieghu liema permess inghata u di piu' r-rikorrent accetta li jhallas l-ispejjez tal-*course* li l-intimat kien se jaghmel, pero' pogga kundizzjoni li giet accettata mill-intimat u cioe' illi darba jispicca mill-course jrid jaghti servizz lill-Ufficcju ta' l-Awditur ta' mill-inqas hames snin. Imkien ma nghad illi l-*course* kellu jkun *'fulltime'* jew *'part time'*.

Zgur illi l-intendiment kien illi darba l-*course* jispicca u l-intimat jiggradwa, allura huwa kellu juza t-taghlim tieghu a beneficcu tar-rikorrent li jkun nefaq il-flus sabiex iressaq il-quddiem l-edukazzjoni u l-konoxxenza ta' l-intimat. Il-fatt illi l-intimat ghamel il-*course 'part time'* u baqa' jahdem ma' l-ufficju u jircievi l-hlas regolarment, ma kellhiex taghmel differenza ghal dan l-intendiment li kien hemm fil-bidu nett u l-intimat ma kellu l-ebda dritt jargumenta li dawk l-erba' snin u nofs illi hadem waqt illi kien qieghed jistudja kellhom jidhlu fil-komputazzjoni tal-hames snin kif miftiehem fil-*form of undertaking*. Din hija l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil dan il-ftehim peress illi dik kienet l-intenzjoni tal-partijiet. Il-Qorti tibbaza dan ir-ragunament fuq it-taghlim tad-dritt Ruman illi *"interpretatio fienda est ut res magis valeat quam pereat"*. Fi kliem iehor, ghandha tinghata dik l-interpretazzjoni illi l-ahjar tesegwixxi l-intenzjoni tal-partijiet.

Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju illi l-intimat ried jabbuza mill-posizzjoni tieghu. Darba akkwista li ried, imbaghad iddecieda li jitlaq l-impjieg u jmur ghal rasu, izda dan jista' jaghmlu biss darba jigu osservati l-provvedimenti tal-ftehim milhuq mar-rikorrent li jorbot daqstant l-intimat daqs ir-rikorrent.

L-artikolu 1122 tal-Kodici Civili kkwotat mill-intimat fir-risposta tieghu jghid li ghandha ssir komputazzjoni sabiex jigi kalkolat l-ammont li d-debitur ikun hadem u ssir forma ta' ekwiparazzjoni mal-obbligazzjoni in generali. F'dan il-kaz dan l-artikolu ma japplikax il-ghaliex l-intimat ma hadem xejn mit-terminu li kien hemm pattwit u ghalhekk il-penali huma dovuti fl-intier taghhom. L-intimat ma kkontestax il-kalkoli li ghamel ir-rikorrent u dawn jidhru li huma mahduma tajjeb. Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba dawn il-kalkoli li huma deskritti ahjar fix-xhieda ta' Anthony Aquilina a fol 14.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tikkundanna lill-intimat li jhallsu l-ammont €8,872.58 (Lm3809) liema somma hija dovuta minnu lill-istess rikorrent rapprezentanti rimbors ta' spejjez ta'

*sponsorship*, tahrig u xort'ohra ta' edukazzjoni u/jew taghlim a tenur tal-kuntratt ta' xoghol iffirmat bejn il-partijiet fis-27 ta' Mejju 2002. Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------